**15 ta' Marzu, 1958.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Emmanuele Fenech

**"Rediffusion" — Garage — Liċenza — Sentenza — Nullità — Appell — Piena.**

*Id-daqq tar-"rediffusion" b'qawwa żejda jikkostitwixxi l-kontravvenzjoni ta' molestja lill-ġirien.*

*Jekk dak id-daqq isir minn garage, huwa responsabbli mhux neċessarjament il-"licencee", imma anki min hu soċju fl-azjenda ta' dak il-garage, u bħala tali responsabbli bl-atteġġjament tiegħu; u dan aktar u aktar meta dak is-soċju bl-atteġġjament tiegħu juri illi huwa kien qiegħed jassumi r-responsabbiltà għad-daqq tar-"rediffusion" fil-garage.*

*Meta sentenza tal-Maġistrat tiġi mill-Qorti tal-Appell annullata*

*u din l-aħħar Qorti tipproċedi bil-kawża "ex novo", daqs kieku kienet Qorti tal-Ewwel Istanza, il-Qorti tal-Appell mhix marbuta bid-dispożizzjoni tal-liġi li ma tippermettix awment ta' piena fuq appell tal-imputat.*

***Fl-applikazzjoni tal-piena għall-kontravvenzjoni ta' min jdoqq ir-"rediffusion" b'mod li jdejjaq lill-ġirien, il-fattur tal-gravità u tal-persistenza tal-inkommodu għandu jittieħed in konsiderazzjoni.***

Il-Qorti:— **Rat** is-sentenza tagħha tal-15 ta' Frar, 1958, fol. 9;

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-imputat ikkommetta l-kontravvenzjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni;

Il-fatt illi huwa mhuwiex il-"licencee" tal-garage jew it-titolari tal-liċenza tar-Rediffusion ma hux rilevanti; għaliex, "ex admissis", hu soċju fl-azjenda ta' dak il-garage, u bħala tali responsabbli għall-ġestjoni tiegħu; u minbarra dan, l-imputat stess, sija meta ġie nterrogat mill-Pulizija kemm ukoll mill-atteġġjament tiegħu kollu, wera li hu kien qiegħed jassumi r-responsabbiltà għad-daqq tar-Rediffusion Set fil-garage; biss kien qiegħed isostni li d-daqq ma kienx qawwi;

Jirriżulta wkoll li l-inkonvenjent li qiegħed jiġi kaġunat lill-ġirien, ċjoè lill-familja Barratt, hu ferm gravi, inkwantokkè dan ir-Rediffusion Set jibqa' miftuħ "full on" prattikament il-ġurnata kollha ta' kulljum, fil-waqt illi, kif spjega x-xhud Barratt, hemm riverberazzjoni kontinwa minħabba illi kapita li dan il-garage hu mifrud mill-ambjenti tal-fond abitat minn Barratt b'"partition" tal-canvas, li hi tant sottili illi ġġib daqs kieku r-Rediffusion Set qiegħed jiġi attivat fil-fond stess ta' Barratt. Dan l-inkomodu ilu jsir żmien twil;

Peress illi s-sentenza tal-ewwel istanza ġiet annullata bid-deċiżjoni fuq imsemmija, u peress illi din il-Qorti, skond il-liġi, qegħedha tipproċedi "ex novo", daqs kieku kienet Qorti tal-ewwel istanza, għalhekk mhijiex marbuta bid-dispożizzjonijiet tal-liġi li ma tippermettix awment ta' piena fuq appell tal-imputat. Din il-Qorti, minħabba ċ-ċirkustanzi fuq imsemmija dwar il-gravità u persistenza tal-inkommodu, tirritjeni illi dan il-fattur għandu jitqies fl-entità tal-piena;

Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-art. 34(2) u 313 u 314 tal-Kap. 13, issib l-imputat ħati, u tikkundannah għall-piena tal-ammenda ta' erbgħa liri (£4).